MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 360/1980/1

Paolo **CAMILLERI** u b’degriet tat-3 ta’ Mejju, 2000, il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn Paolo Camilleri fl-ismijiet ta’ Mary Camilleri u Paolina Calafato

vs

Alfred **CASSAR** u Erminia Buħaġiar u b’degriet tad-29 ta’ Settembru, 1982, il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta’ Carmelina Calafato, stante l-mewt ta’ Erminia Buħaġiar fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta’ Marzu, 1980, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur Paolo Camilleri talab (a) li jkunu determinati u delimitati l-*plots* li huwa kiseb mingħand l-imħarrka Erminia Buħaġiar bil-kuntratt

tal-4 ta' April, 1977, u ssir dikjarazzjoni li dawk il-*plots* huma tiegħu; (b) li din il-Qorti ssib li l-imħarrek Alfred Cassar okkupa u bena fuq biċċa mill-art mixtrija mill-istess attur, u għalhekk tordna lill-istess imħarrek Cassar jitlaq minn taħt idejh l-art hekk okkupata. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm il-jedd ta' kull azzjoni oħra xierqa fir-rigward;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Erminia Buħaġiar fit-13 ta' Mejju, 1980, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija biegħet skond kif kienet kisbet u hija ma ħadet l-ebda art mingħand l-attur. Jekk saret xi okkupazzjoni mill-imħarrek l-ieħor Cassar, hija ma kienet taf b'xejn u għandu jwieġeb huwa nnifsu għal għamilu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Alfred Cassar fid-9 ta' Settembru, 1980, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-bini kollu mtella' sar fuq ġid tal-kumpannija Dome Estates Limited u mhux fuq l-art li xtara l-attur. Fuq kollox, il-binja kienet tlestiet żmien qabel ma l-attur innifsu kiseb il-qatgħat tal-art mertu tal-każ mingħand l-imħarrka Buħaġiar;

Rat id-degriet tal-4 ta' Novembru, 1982[1], li bih dik il-Qorti ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe bħala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrka Carmelina Calafato fil-21 ta' Novembru, 1988[2], li biha talbet li tinħeles milli tibqa' fil-kawża billi ma kellha l-ebda interess ġuridiku fil-kawża ladarba l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-allegata okkupazzjoni illegali tal-art tal-attur u la hija u lanqas l-awtriċi tagħha (l-imħarrka Erminia Buħaġiar) ma qatt wettqu xi okkupazzjoni tal-art miksuba mill-attur;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' April, 2000[3] li bih ħalliet il-kawża *sine die* pendenti l-

[1] Paġ. 35 tal-proċess
[2] Paġ. 70 tal-proċess
[3] Paġ. 133 tal-proċess

leġittimazzjoni tal-atti tal-kawża minħabba l-mewt tal-attur u għall-ħlas tar-rapport peritali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Mejju, 2000, li bih u fuq talba mressqa b'rikors minn Mary Camilleri u Paolina Calafato fis-26 ta' April, 2000[4], reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ, billi l-istess rikorrenti kienu illeġittimaw l-atti tal-kawża b'rikors ieħor imressaq dak inhar u li bis-saħħa tiegħu kienu talbu li jassumu l-atti tal-kawża minflok ħuhom l-attur Paolo Camilleri;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-8 ta' Frar, 1999[5], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2001;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Cassar fid-19 ta' Diċembru, 2001[6], li biha talab li l-Qorti taħtar periti addizzjonali għax ħassu aggravat bil-fehmiet tal-perit tekniku fir-Relazzjoni tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Frar, 2002[7], li bih ħatret bħala periti addizzjonali, bi spejjeż provviżorjament għall-imħarrek Cassar, lill-Periti Arkitetti Noel Debattista u Joseph M. Jaccarini, bl-għajnuna tal-perit legali l-Avukat Anthony Ellul, li, b'degriet tat-3 ta' Settembru, 2002, u fuq talba tal-istess Avukat Ellul, inbidel u minfloku ddaħħal l-Avukat Chris Ċilia;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2004[8], li bih u minħabba li ma ntwera l-ebda progress fit-twettiq tal-ħatra tal-imsemmija periti addizzjonali, ħassret il-ħatra tagħhom u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2005[9], li bih tat direttivi lill-imħarrek Cassar dwar it-talba tiegħu biex jitħalla jressaq Eċċezzjoni ulterjuri għall-finijiet tal-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[4] Paġ. 134 tal-proċess
[5] Paġġ. 160 sa 173 tal-proċess
[6] Paġ. 229 tal-proċess
[7] Paġ. 231 tal-proċess
[8] Paġ. 240 tal-proċess
[9] Paġ. 246 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2005[10], li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrek biex iressaq l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tiegħu, liema degriet inbidel *contrario imperio* b'ieħor tal-25 ta' Ottubru, 2005, wara li sarulha sottomissjonijiet ulterjuri mill-avukati taż-żewġ partijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrek Cassar fit-28 ta' Ottubru, 2005, li biha qal li, f'kull każ, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex hu mexa b'bona fidi u għalhekk jgħodd għall-każ tiegħu dak li jipprovdi l-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Cassar waqt is-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2006[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-29 ta' Awissu, 2006[12], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek Cassar;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2006, li bih tawlet iż-żmien biex l-imħarrka Calafato tressaq in-Nota ta' Sottomisjonijiet tagħha;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrka Carmela Calafato fis-17 ta' Jannar, 2007[13], li biha iddikjarat li ma kienx fi ħsiebha tressaq l-ebda sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[10] Paġ. 250 tal-proċess
[11] Paġġ. 285 sa 290 tal-proċess
[12] Paġġ. 292 sa 303 tal-proċess
[13] Paġ. 307 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' aċċertament ta' konfini ta' proprjeta' u dikjarazzjoni ta' okkupazzjoni tagħha jew ta' biċċa minnha minn wieħed mill-imħarrkin. L-attur kiseb sitt (6) *plots* ta' art fil-qasam magħruf bħala "Ta' Weiter" jew "Tal-Ħatab", fil-limiti ta' Birkirkara, mingħand l-imħarrka Buħaġiar. Wara xi żmien li kien xtara, ntebaħ li biċċa mill-art li kien kiseb kienet inbniet mill-imħarrek l-ieħor Alfred Cassar. Irid li l-imħarrek joħroġ minn dik l-art minnu okkupata, minkejja l-bini li seta' tella' fuqha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka Buħaġiar laqgħet billi qalet li hija ma bniet xejn fuq l-art li biegħet lill-attur. Fuq kollox, tgħid li hija biegħet sewwasew kif akkwistat u jekk ħaddieħor abbuża m'għandhiex tagħmel tajjeb hija għan-nuqqas tiegħu. Aktar 'il quddiem, eċċepiet ulterjorment li jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża għaliex, mill-għamla ta' kawża li għażel li jiftaħ, l-attur ma kellu l-ebda interess ġuridiku fil-konfront tagħha;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek l-ieħor Cassar laqa' billi qal li ż-żewġ talbiet attriċi ma jiswewx fil-fatt u wkoll fid-dritt għaliex seħaq li kull bini li tella' sar fuq art li huwa kiseb mingħand il-kumpannija Dome Estates Limited u ma bena xejn fuq art tal-attur. Aktar 'il quddiem, eċċepixxa ulterjorment li jekk kien minnu li parti mill-bini li tella' tassew li ttella' fuq art tal-attur, dan kien sar b'bona fidi u żmien qabel ma l-attur kien kiseb l-art mingħand l-imħarrka l-oħra Erminia Buħaġiar;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kiseb mingħand Erminia Buħaġiar sitt qatgħat ta' art fil-limiti ta' Birkirkara, bis-saħħa ta' kuntratt ta' bejgħ tal-4 ta'

April, 1977[14]. F'Jannar tal-1974[15], l-imħarrek Cassar kiseb mingħand Domes Estates Limited qatgħa art fabbrikabbli fil-limiti ta' Birkirkara, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Bejn Lulju u Settembru tal-1973[16], qabel ma kien kiseb l-art mingħand l-imsemmija kumpannija, l-imħarrek kien applika għal u kiseb il-permessi meħtieġa biex jiżviluppa l-art b'bini ta' djar fuqha[17]. F'Diċembru tal-1973[18], waqt li kien għadu fuq konvenju dwar l-art li ried jixtri, huwa daħal fi ftehim ma' bennej kemm dwar ir-rati tal-bini u kif ukoll dwar iż-żmien meta kellu jsir il-bini miftiehem. Skond l-istess ftehim, "*ix-xogħol għandu jinbeda kif ikun hemm il-permessi meħtieġa sal-qatran u wara jitkompla f'Marzu 1974 u jibqa' sejjer sakemm ikun komplut ix-xogħol kollu ordnat mill-istess Alfred Cassar*". Sa sitt (6) ijiem qabel xtara l-art, l-imħarrek kien għoddu lesta b'kemm jiswa terz ($^{1}/_{3}$) tax-xogħol ta' bini li kellu jsir u li kien maħsub li jintemm sa Marzu tal-1975[19];

Illi fis-7 ta' Marzu tal-1974[20], l-imħarrka Erminia Buħaġiar bagħtet protest ġudizzjarju lill-imħarrek Cassar biex tordnalu jieqaf mill-bini li kien qiegħed itella' fuq art li kienet tagħha. Huwa kien notifikat bil-protest dak inhar stess u għaddih lil avukat tiegħu u kompla għaddej bix-xogħlijiet[21]. L-imħarrek ressaq kontro-protest kontra l-imħarrka Buħaġiar fit-8 ta' Marzu, 1974, li fih ċaħad li huwa kien qiegħed jibni fuq art l-imħarrka u seħaq li kien miexi fedelment mal-pjanta meħmuża fil-kuntratt tal-akkwist tiegħu hu u jtella' l-bini[22]. Sa Marzu tal-1976, l-imħarrek kien bena villa *semi-detached* fuq l-art imsemmija[23] u daħal joqgħod fiha x-xahar ta' wara[24]. L-attur xtara l-*plots* mingħand l-imħarrka f'Marzu tal-1977, minn fuq il-pjanta u bla ma kien ra l-art qabel[25]. Sa dak iż-żmien, l-imħarrka Buħaġiar kienet biegħet il-*plots* kollha

[14] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 9 tal-proċess
[15] Dok "X", f'paġġ. 13 – 4 tal-proċess
[16] Dokti "K2" sa "K4", f'paġġ. 189 sa 191 tal-proċess
[17] Xhieda tiegħu 2.11.1990, f'paġ. 208 tal-proċess
[18] Dok "K5", f'paġ. 192 tal-proċess
[19] Dok "EBA", f'paġ. 277 tal-proċess
[20] Dok f'paġ. 260 tal-proċess
[21] Xhieda tiegħu 24.6.1991, f'paġġ. 212 – 3 tal-proċess
[22] Dok « AĊA », f'paġ. 274 tal-proċess
[23] Dokti "K6" u "K8", f'paġġ. 193 u 196 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu 24.6.1991 u 19.1.2006, f'paġġ. 212 u 267 tal-proċess
[25] Xhieda tiegħu 12.9.1983, f'paġ. 46 – 7 tal-proċess

minbarra dawk li kiseb l-attur. L-attur qabbad lil min ikejjel l-art skond il-pjanta meta għaddielu suspett li l-bini li tella' l-imħarrek jinsab f'biċċa mill-art mixtrija minnu. Sab li l-imħarrek tassew kien bena fuq l-art tiegħu. Il-kawża nfetħet f'Marzu tal-1980;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ (li, meta nbeda, l-imħallef sottoskritt kient għadu għaddej bl-istudji tiegħu fil-Kors tal-Liġi, u li, meta l-każ ġie assenjat lil din il-Qorti kif issa presjeduta, kien ilu diġa' 23 sena jterraq fil-qrati) jidher li tnejn huma l-kwestjonijiet ewlenin li jeħtieġu stħarriġ. L-ewwel waħda hija dwar jekk huwiex minnu li parti mill-art mixtrija mill-attur itteħditx tassew mill-imħarrek Cassar hu u jibni daru. It-tieni waħda, f'każ li t-tweġiba tal-ewwel kwestjoni hija affermattiva, hi jekk hux il-każ li dak il-bini ħażin jitneħħa u l-art tintradd lura lill-atturi, jew jekk, f'dak li sar, huwiex il-każ li jikkonkorru ċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi li l-atturi jitħallsu kumpens tal-art li tteħditilhom;

Illi marbuta mal-ewwel kwestjoni hemm dik li tirrigwarda l-ewwel talba attriċi, jiġifieri d-determinazzjoni tal-konfini tal-art miksuba mill-attur mingħand l-imħarrka Erminia Buħaġiar. Minn dik it-talba joħroġ li l-azzjoni attriċi hija fil-qofol tagħha l-*actio finium regundorum*;

Illi l-azzjoni għall-iffissar tal-konfini hija msejsa fuq il-jedd li kull sid ta' proprjeta' għandu fil-liġi[26] li jġiegħel lil ġar tiegħu jagħmel sinjali li jidhru u li jibqgħu biex ħwejjiġhom jingħarfu minn ta' xulxin. Din l-azzjoni tista' titressaq biss fejn żewġ proprjetajiet ta' sidien differenti jkunu jmissu ma' xulxin u fejn hemm dubju dwar fejn tibda l-waħda u tintemm l-oħra[27]. L-għan tal-*actio finium regundorum* huwa dak tad-"determinazzjoni oġġettiva tal-fond u l-aċċertament ta' l-estensjoni tad-dritt ... u għalhekk ittendi li telimina l-inċertezzi tad-demarkazzjoni bejn żewġ fondi u tagħmel is-sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli għal dak tad-dritt"[28]. Tali inċertezzi ġew imfissra li jistgħu jkunu kemm oġġettivi (fejn ma jkunux jeżistu sinjali apparenti li jidhru)

[26] Ara art. 325 tal-Kap 16
[27] App. Ċiv. **27.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi noe vs Azzopardi et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.605**)
[28] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores Debono et vs Joseph Grech et***

jew kif ukoll suġġettivi (fejn min jiftaħ il-kawża jkun irid iwarrab il-biżgħa ta' kwestjonijiet mas-sid ġar tiegħu jew iwarrab il-possibilita' li titteħidlu biċċa minn ħwejġu);

Illi din l-azzjoni hija waħda rikonjitiva u tibqa' hekk ukoll jekk, wara li jsir l-eżerċizzju meħtieġ, jirriżulta li xi waħda mill-partijiet ikollha titlaq xi parti mill-ġid li jirriżulta li qiegħda tokkupa bla mistħoqq. Fi kliem ieħor, l-għan tal-*actio finium regundorum* huwa dak li jistabilixxi l-konfini u mhux it-titolu, għalkemm il-prova tat-titolu tgħin biex minnha wieħed jasal biex jagħraf fejn jibda l-ġid ta' parti u fejn jintemm il-ġid tal-parti l-oħra. F'dan is-sens, l-azzjoni tal-iffissar tal-konfini tingħaraf mill-azzjoni ta' rivendika, fejn l-aqwa titolu ta' parti jxejjen titolu iżjed dgħajjef tal-parti l-oħra fil-kawża[29];

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad, fl-azzjoni għall-iffissar tal-konfini "*i rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e l'azione tende ad accertare e` l'estensione delle proprieta` contigue, e, quindi, il confine. Non ha importanza se la zona intermedia sia posseduta da uno solo o promiscuamente da entrambi i proprietari confinanti.* ***Questa azione ha la natura di una rivendica parziale*** *(vindicatio duplex incertae partis) e presenta alcune particolarita`: ciascuna delle parti e`, al tempo stesso, attore e convenuto; ogni mezzo di prova e` ammesso; in mancanza di altri elementi, il giudice si attiene al confine delineato dalle mappe catastali*"[30]. Din it-tifsira qasira imma preċiża, għalkemm imfassla fuq dak li jistabilixxi l-Kodiċi Ċivili taljan – li għandu dispożizzjoni speċifika għall-azzjoni tal-iffissar tal-konfini[31] – tgħin ħafna biex il-Qorti tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha f'din il-kawża, mill-fatti u kostatazzjonijiet li joħorġu mill-atti;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ iż-żewġ kwestjonijiet ewlenin li għandhom iwassluha biex taqta' l-kawża;

---

[29] P.A. PS **9.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Manġion et vs Raphael Aquilina et*** (appellata)
[30] Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9[a] Ediz.), §179, paġ. 315
[31] Art. 950 Codice Civile

Illi **dwar jekk bil-bini li ttella' mill-imħarrek Cassar itteħditx art li kienet tal-attur**, din il-Qorti toqgħod fuq ir-riżultanzi ta' xejra teknika li jinsabu fl-atti. Dan il-każ hu karatterizzat minn sensiela ta' ċirkostanzi tipiċi ta' nħawi jew oqsma li, minn raba' għammiel jew kampanja miftuħa, inbidlu f'oqsma fabbrikabbli lejn l-aħħar snin tas-seklu l-ieħor. F'dan il-każ, il-qasam li minnu jagħmel il-ġid mertu tal-kawża kien firxa kbira ta' art fuq ir-riħ tal-Wied ta' Birkirkara, biswit Torri Wejter, li fis-snin sittin tas-seklu li ħareġ, ingħatat għall-bini. Minbarra t-trasferimenti (li kienu b'enfitewsi) li saru bejn is-sidien ewlenin – l-imħarrka Erminia armla minn Ġużeppi Buħaġiar, ġja' armla mill-Perit Ġużeppi Debono, fl-1953 kienet qasmet it-territorju ma' wliedha mill-ewwel żwieġ – l-istess ġid beda jingħata b'subenfitewsi lil bosta utilisti. Minbarra dan, minkejja l-mod kif l-art ippjantata nqasmet bejn min ikkuntratta, jirriżulta li seħħew bidliet ukoll fil-pjani regolaturi, b'mod li l-bixra tat-toroq proġettati nbidlet ukoll b'mod radikali[32]. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha laqtu x-xorti tal-partijiet f'din il-kawża dwar l-art mertu tal-każ. Bħal ma wieħed jista' jistenna, dawn ikkomplikaw il-qagħda mhux ftit u nisslu l-probabbilta' li jkun hemm min jingidem hu u jsir l-iżvilupp tal-art;

Illi r-riżultanzi tekniċi li l-Qorti trid tistrieħ fuqhom jieħdu qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi msemmija u għalhekk għandu jirriżulta li (i) sa mill-1974, kienu nħolqu problemi dwar il-konfini bejn l-imħarrka Buħaġiar (awtriċi tal-attur) u Eucharistico u Carmelo Żammit li mingħandha kienu kisbu parti kbira mit-territorju li hija kien messha wara li saret il-qasma ma' wliedha fl-1953 (li fih kisbet id-dirett dominju tal-art) u l-permuta ma' Salvu Pisani f'Marzu tal-1961(li bis-saħħa tagħha kienet kisbet l-utli dominju, u b'hekk seħħet fiha l-konsolidazzjoni tat-titolu għal dik il-medda ta' art)[33]; (ii) li f'Novembru tal-1969, l-awtriċi tat-titolu tal-imħarrek Cassar kienet kisbet mingħand l-aventi kawża tal-imsemmija Żammit l-art li huwa xtara mingħandha; (iii) f'xi żmien qabel Lulju tal-1971, l-imħarrka kienet qabbdet perit biex ikejjel sewwa t-territorju u l-postijiet okkupati

[32] Ara § 20 tar-relazzjoni peritali (paġ. 169 tal-proċess)
[33] Dok "CC6", f'paġġ. 182 – 3 tal-proċess

mill-ġid rispettiv tal-benefiċċjarji tal-art[34], liema kejl kien sar ukoll fuq il-post innifsu billi saru wkoll il-marki li jifirdu l-ġid tal-imħarrka Buħaġiar minn dak konċess lill-aħwa Żammit[35]; (iv) li minn dak il-kejl magħmul mill-perit, il-konfini ta' kull waħda mill-*plots* li jagħmlu minn dak it-territorju ġew stabiliti; (v) fl-1973 kien tfassal Pjan Regolatur dwar l-iżvilupp ta' dawk l-inħawi; (vi) f'Jannar tal-1974, l-imħarrek Cassar kiseb formalment l-art mixtrija mingħand Dome Estates Limited; (vii) li l-imħarrek kien bena l-post tiegħu qabel ma l-attur kien kiseb il-porzjonijiet ta' art mingħand l-imħarrka Erminia Buħaġiar; (viii) li biċċa mill-binja li tella' l-imħarrek Cassar ittellgħet sewwasew fuq parti mill-art li l-attur 'il quddiem kiseb mingħand l-imħarrka Buħaġiar; (ix) il-permess tal-bini miksub mill-imħarrek (meta kien għadu fuq konvenju) kien isemmi għadd ta' djar u mhux dar waħda, filwaqt li l-post fejn sar il-bini ma jaqbilx mal-bixra tal-binja li kien talab il-ħruġ tal-permessi dwarha fuq is-*site plan* mehmuż mal-applikazzjoni għall-permessi; u (x) li l-imħarrek kien jaf b'dawn il-fatti sa minn żmien qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi b'żieda ma' dawn il-kostatazzjonijiet tekniċi, tirriżulta wkoll xhieda li ssaħħaħ l-istess kostatazzjonijiet. Hekk jirriżulta[36] li, meta l-attur ġie biex jikseb il-porzjonijiet tal-art mingħand l-imħarrka Ersilia Buħaġiar, din kienet għarrfet lill-attur li, dwar l-istess art, kellha l-inkwiet kemm ma' Karistu Żammit u kif ukoll mal-imħarrek Cassar. Ħareġ ukoll li meta l-imħarrka bagħtet tkellem lill-imħarrek, il-bini tiegħu kien għadu fil-livell tal-ewwel sular[37]. L-imħarrek stqarr[38] li, meta xtara hu l-art mingħand Dome Estates Limited, kien hemm pjanta oħra[39] li kienet differenti minn dik il-pjanta li kien hemm mehmuża mal-kuntratt li bih hu kiseb dik l-art, u li, minkejja dan, lil Dome Estates Limited ma qalilha xejn dwar dak il-fatt, iżda qagħad biss fuq dak li kien qallu l-perit tiegħu u fuq il-linja li kienet ingħatatlu[40] mill-persuna mqabbda mid-dipartiment[41]. Dawk il-posti

[34] Dok "CC5", f'paġ. 181 tal-proċess
[35] Dok "CC4", f'paġ. 180 tal-proċess
[36] Xhieda ta' Carmen Calafato 6.9.1990, f'paġ. 205 tal-proċess
[37] Xhieda ta' Carmen Calafato 31.1.1990, f'paġ. 203 tal-proċess
[38] Xhieda tiegħu 2.11.1990, f'paġ. 207 tal-proċess
[39] Dik li fil-proċess hija msejħa Dok "DP1" (f'paġ. 43 tal-proċess)
[40] *Ibid.* 21.1.1994, f'paġ. 219 tal-proċess
[41] *Ibid.* 19.1.2006, f'paġġ. 263 u 272 tal-proċess

ma kinux għadhom saru sakemm huwa resaq għall-kuntratt tax-xiri tal-art mingħand Dome Estates Limited[42], u l-perit imqabbad minnu ma jidhirlux li kien hu li stabilixxa fejn kellhom ikunu tali posti[43];

Illi l-kostatazzjonijiet tekniċi magħmulin b'reqqa mill-perit tekniku[44], magħduda flimkien ma' x-xhieda mressqa mill-partijiet twassal lil din il-Qorti biex issib li (i) wieħed jista' tassew jagħraf fejn għandhom ikunu l-konfini xierqa bejn l-art mixtrija mill-attur u dik miksuba mill-imħarrek Cassar u (ii), l-iżjed importanti, li fil-fatt, hu u jtella' l-binja tiegħu, l-imħarrek Cassar daħal fuq art li kienet dak iż-żmien tal-imħarrka l-oħra Buħaġiar u li l-attur aktar 'il quddiem kiseb mingħandha;

Illi għalhekk, din il-Qorti ssib li dwar l-ewwel talba attriċi l-konfini bejn l-art mixtrija mill-attur u dik miksuba mill-imħarrek Cassar huma dawk murija b'rig aħmar fuq il-pjanta Dok "PT1"[45], f'dik il-parti li taqsam il-porzjoni imberfla b'lewn aħdar (indikata bħala "Plot 8") minn dik li tmiss magħha mil-Lbiċ imberfla bl-ilwien aħmar u aħdar u mimlija b'rigi koħol (indikata bħala "8" u "9"). Minn din il-kostatazzjoni joħroġ ukoll determinat li l-porzjon murija fl-istess pjanta mimlija bil-lewn ikħal tirrappreżenta l-medda ta' art mixtrija mill-attur li bil-bini mtella' mill-imħarrek ittieħdet bla jedd mingħand l-istess attur. Fi kliem ieħor, l-okkupazzjoni magħmula mill-imħarrek fuq art tal-attur tirriżulta li hija dik il-firxa ta' art li, fuq l-imsemmija Dok "PT1", tiġi bejn il-linja tal-konfini hawn fuq imfissra u l-linja CD min-naħa ta' isfel tagħha;

Illi **dwar jekk il-bini mtella' fuq art l-attur għandux jitneħħa jew għandux l-imħarrek iħallas kumpens** lill-atturi u jżomm għalih dik l-art, jeħtieġ li wieħed iqis x'inhi r-rieda tal-liġi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-atti;

Illi l-atturi kienu opponew bis-sħiħ għat-talba tal-imħarrek li, wara li l-perit tekniku kien ressaq ir-relazzjoni tiegħu, jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri biex jgħid li kulma

---

[42] *Ibid.* 19.1.2006, f'paġ. 272 tal-proċess
[43] Xhieda tal-AIĊ Edward Benċini 17.3.1994, f'paġ. 221 tal-proċess
[44] Ara b'mod partikolari l-§§ 21– 4 u 27 tar-relazzjoni peritali (paġġ. 170 – 2 tal-proċess)
[45] F'paġ. 174 tal-proċess

għamel kien b'bona fidi. L-atturi baqgħu jisħqu dwar din il-pożizzjoni tagħhom ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom. Il-Qorti ma jidhrilhiex li din l-oppożizzjoni hija mistħoqqa għaliex huwa stabilit li "*l-konvenut huwa intitolat għall-benefiċċju ta' l-art. 608 fuq ċitat* (l-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili) *u jista' jiġi applikat non ostanti li l-attur fiċ-ċitazzjoni qiegħed jitlob id-demolizzjoni tal-ħajt, peress li fiha hemm virtwalment kompriża d-domanda għall-ħlas tal-valur ta' l-art okkupata u għar-riżarċiment tad-danni*"[46], naturalment jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ-ċirkostanzi msemmijin aktar qabel;

Illi l-liġi tqis li bniedem jista' jieħu b'tiegħu il-pussess ta' ħaġa korporali li tista' tkun ta' ħaddieħor[47], u li, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor, jista' wkoll isir sid dik il-ħaġa[48]. Min-naħa l-oħra, dak li wieħed hekk jokkupa kif fuq ingħad, jista' jingħaqad ma' ġid li diġa' kien tiegħu, imqar jekk dan isir bix-xogħol tal-bniedem[49]. B'hekk l-okkupazzjoni tista' tinbidel ukoll f'jedd ta' aċċessjoni;

Illi l-liġi tħalli wkoll li jekk fit-tlugħ ta' bini tiġi okkupata b'bona fidi biċċa mill-fond li jmiss ma' dak il-bini, u l-ġar ikun jaf li qiegħed isir dak il-bini u ma jagħmilx oppożizzjoni, l-art li tiġi hekk okkupata u l-bini li jsir fuqha jistgħu jiġu ddikjarati ta' proprjeta' ta' min bena, taħt l-obbligu li jħallas lil sid l-art il-valur tal-wiċċ li jkun okkupa, u li jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tkun saret[50];

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi joħroġ li biex l-okkupazzjoni tindidel f'jedd ta' aċċessjoni, jeħtieġ li jintwerew erba' ċirkostanzi, u jiġifieri (a) li l-okkupazzjoni tkun ta' ħaġa immobbli li tmiss mal-ġid ta' min ikun okkupaha; (b) li dik l-okkupazzjoni ssir fuq biċċa biss minn dak l-immobbli u mhux bit-teħid tal-ħaġa kollha kemm hi[51]; (ċ) li min ikun okkupa jagħmel dan b'bona fidi għaliex jaħseb tassew li l-bini jkun qiegħed jittella' fi ħwejġu stess u mhux fi ħwejjeġ ħaddieħor; u (d) l-ġar ikun jaf li qiegħed

[46] P.A. **10.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.678**)
[47] Art. 561(1) tal-Kap 16
[48] Art. 561(2) tal-Kap 16
[49] Art. 566 tal-Kap 16
[50] Art. 571 tal-Kap 16
[51] P.A. RCP **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Galea et vs Salvino sive Silvio Buttiġieġ pro et noe*** (appell pendenti)

jittella' dak il-bini u ma jagħmel l-ebda oppożizzjoni hu u għaddej ix-xogħol. Minħabba li dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu eċċezzjoni għar-regola ewlenija miġbura fl-artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili, l-applikazzjoni tagħha għandha tingħata biss jekk kemm-il darba jikkonkorru ċ-ċirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija, u t-tifsira mogħtija għalihom tkun waħda restrittiva. Huwa wkoll stabilit li, minkejja li jkunu japplikaw iċ-ċirkostanzi speċjali maħsubin fl-imsemmija dispożizzjonijiet, il-Qorti dejjem jibqagħlha d-diskrezzjoni jekk tapplikahomx jew le għall-każ[52];

Illi l-bona fidi hija element ewlieni biex jista' jingħata r-rimedju tal-għarfien tal-aċċessjoni[53]. F'dan il-każ, b'bona fidi wieħed jifhem li l-persuna li tkun qiegħda ttella' l-bini temmen b'raġun li m'għandha l-ebda ħsieb li tieħu b'tagħha ħwejjeġ li huma ta' ħaddieħor. Tali stat suġġettiv irid jintwera li jeżisti mill-bidu sat-tmiem tal-bini[54]. Minħabba li l-liġi tippreżumi l-bona fidi f'dak li għandu x'jaqsam mal-pussess[55], min jallega l-mala fidi jrid jipprova xilja bħal dik[56];

Illi l-imħarrek Cassar seħaq b'qawwa fuq il-bona fidi tiegħu, u, fost l-oħrajn, ressaq l-argument li sa ma l-attur kiseb l-art mingħand l-imħarrka Buħaġiar, il-bini mtella' minnu kien ilu lest u kien diġa' ilu saħansitra 'l fuq minn sena jgħix fid-dar li bena. Il-Qorti, madankollu, ssib li d-difiża tal-bona fidi hekk imsejsa ma treġix. Qabel ma xtara l-attur, kien hemm sid ieħor – l-imħarrka Buħaġiar – li ntwera li, waqt li kien għaddej ix-xogħol tal-bini, kienet intimatu bi protest ġudizzjarju biex jieqaf minn dak il-bini u jerġa' jroddilha lura l-ġid tagħha, wara li għamlithielu ċara li kien qiegħed jibni fi ħwejjiġha;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdu li l-imħarrka Buħaġiar – fi żmien li kienet għadha s-sid tal-art – kienet intimat lill-imħarrek Cassar bi protest ġudizzjarju, kien biżżejjed biex jikkostitwixxi l-element tal-oppożizzjoni tas-sid biex

---

[52] App. Ċiv. **1.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bellizzi vs Alfred Bartolo***
[53] App. Ċiv. **10.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Alex Spiteri et vs Joseph Sciberras et noe***
[54] P.A. PS **9.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Manġion et vs Raphael Aquilina et*** (appellata)
[55] Art. 532 tal-Kap 16
[56] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Montebello vs Ġorġ Mifsud***

jelimina t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 571 tal-Kodiċi. Oppożizzjoni għall-finijiet ta' dak l-artikolu tista' ssir b'kull mod, ukoll jekk mhux b'att ġudizzjarju, imbasta tkun oppożizzjoni ċara li mhix ekwivoka jew li minnha nfisha turi l-inċertezza fil-moħħ ta' min jagħmel dik l-oppożizzjoni. Iżda, minbarra dan, il-Qorti ssib li l-fatt innifsu tat-tressiq ta' protest ġudizzjarju mis-sid kontra l-imħarrek Cassar hu u għadu għaddej il-bini – imqar jekk mill-provi li ressaq jista' jkun li l-binja kienet għoddha tlestiet – inissel riperkussjoni oħra li tmur kontra t-tħaddim tal-eċċezzjoni maħsuba fl-artikolu msemmi;

Illi l-Qorti ssib li minn dak il-ħin tnisslet il-mala fidi fl-imħarrek Cassar. Il-Qorti f'dan il-kuntest tissellef il-ħsieb imfisser ġudizzjarjament b'mod ċar f'każ jixxiebah meta ngħad li "*kull xogħol li hu għamel wara li ġie intimat ġudizzjarjament, anke permezz ta' protest, ipoġġi lill-konvenut minn dak il-mument f'*mala fede *u żgur responsabbli għall-fatt li beda biex jibni u kompla sakemm spiċċa l-bini meta kien konxju tal-fatt li seta' kien qed jibni fuq art li ma kenitx tiegħu. Jekk hu għażel li jkompli bil-kostruzzjoni minflok jistenna l-esitu tal-proċeduri, hu għandu jitqies li, minn dak il-mument, hu ddeċieda li jieħu l-liġi f'idejh u jappropriija – kif effettivament issa irriżulta li approprija – parti minn fond appartenenti lil ħaddieħor. F'dawn iċ-ċirkostanzi hu għandu jżomm biss lilu nnifsu responsabbli għall-konsegwenzi loġiċi ta' l-azzjonijiet illegali u abbużivi tiegħu*"[57]. Il-fatt li, b'kontro-protest, ċaħdilha l-pretensjonijiet tagħha fil-fehma tal-Qorti ma reġgħetx nisslet fih il-bona fidi meħtieġa. Lanqas ma jgħoddu b'raġuni tajba l-fatt li l-avukat tiegħu kien qallu biex ma jħabbilx rasu mill-pretensjonijiet tas-sid, jew il-fatt li s-sid baqgħet ma ressqet l-ebda att ġudizzjarju ieħor wara l-protest, jew li l-konfigurazzjoni tal-*plots* setgħet inbidlet minħabba ċ-ċaqlieq tal-linja tat-toroq fil-pjan regolatur il-ġdid tal-inħawi jew li l-linja tal-bini kienet ingħatat minn rappreżentant tal-awtorita' kompetenti[58], l-iżjed meta, kif intwera aktar qabel, l-imħarrek kien jaf bl-

[57] P.A. **11.5.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Farruġia***, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.9.1994** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.275**)
[58] Ara P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Vella vs Victor Sammut et***

eżistenza tal-kwestjoni mas-sid u tal-pjanta differenti minn dik mehmuża mal-kuntratt tal-akkwist tiegħu;

Illi l-atturi issottomettew li l-artikolu 571 tal-Kodiċi ma jistax jgħodd għall-imħarrek Cassar għaliex hu ma ħax biss biċċa mill-art tal-atturi imma l-art kollha. Huma jtennu wkoll li kull porzjoni art trid tittieħed għaliha u mhux bħala biċċa minn medda sħiħa mixtrija mill-attur[59]. Mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku, jirriżulta li t-tliet porzjonijiet ta' art tal-attur milquta bil-bini tal-imħarrek Cassar – jiġifieri l-porzjonijiet numri 8, 9 u 10 fuq id-Dokument "PT1" – ma tteħdux għal kollox, iżda fil-biċċa l-kbira minnhom. Għalhekk il-Qorti ssib li l-artikolu 571 ma jgħoddx għall-każ tal-lum mhux għar-raġuni miġjuba mill-atturi, iżda għar-raġunijiet li għadhom kemm issemmew;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju, tqis aspett ieħor li joħroġ mill-atti. L-ewwel aspett hu dak imsemmi mill-perit tekniku li jgħid[60] li "bl-iżvilupp li sar illum ikun diffiċli li l-art li huwa (jiġifieri, l-attur) xtara terġa' tiġi ripristinata peress li għaddew it-toroq kif ukoll is-servizzi kollha pubbliċi u għalhekk mhuwiex każ sempliċement illi tiġi rritornata l-art illi xtara għall-istat illi kienet qabel". Dan il-kumment sar ukoll mill-għaref difensur tal-imħarrek Cassar waqt it-trattazzjoni bil-fomm quddiem din il-Qorti, b'argument kontra s-siwi tat-tieni talba attriċi;

Illi l-Qorti tagħraf sewwa din iċ-ċirkostanza fattwali u l-effetti prattiċi li ġġib magħha. Wara kollox, jidher li din hi sitwazzjoni li kienet teżisti sa minn qabel ma nfetħet din il-kawża. Iżda Qorti trid tiddeċiedi l-każ skond dak li jintalab minnha u skond il-liġi li tkun tgħodd għall-każ. F'dan il-każ, l-azzjoni attriċi hija waħda maħsuba biex tistabilixxi l-konfini bejn il-ġid tal-atturi u dak tal-imħarrek Cassar u mbagħad, sussidjarjament, biex tgħid jekk l-istess imħarrek okkupax xi art li kien kiseb l-attur. Ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrek ma jistax jistkenn taħt l-imsemmi artikolu 571 tal-Kodiċi – kif ingħad, kemm minħabba nuqqas ta' bona fidi min-naħa tiegħu u kif ukoll minħabba l-oppożizzjoni attiva min-naħa tas-sid – t-triq

[59] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġġ. 300 – 1 tal-proċess
[60] Par. 28 tar-Relazzjoni tiegħu, f'paġ. 173 tal-proċess

waħdanija li jifdal hi dik li l-Qorti tipprovdi skond it-talbiet attriċi;

Illi minkejja li biċċiet sostanzjali mill-art tal-attur fl-imsemmija tliet porzjonijiet ittieħdu mit-toroq formati bil-pjan regolatur emendat, xorta waħda jidher mad-daqqa t'għajn li l-biċċa meħuda mill-imħarrek, meta tingħaqad ma' dak li ma tteħidx minn idejn l-atturi, tista' tinbena għaliex għandha faċċata mdaqqsa mat-triq li saret quddiemha[61]. Fit-teħid ta' din il-kostatazzjoni, l-Qorti qiegħda tqis biss dik il-parti tal-okkupazzjoni li saret mill-imħarrek Cassar, u mhux ukoll dik li setgħet ittieħdet għall-formazzjoni tat-triq. Dan jingħad għaliex l-imħarrek ma setax okkupa fejn għaddew it-toroq, u fit-tieni lok, għaliex il-Gvern (li preżumibilment ħa u bena t-toroq) m'huwiex imħarrek f'din il-kawża. Naturalment, m'hemm xejn x'iżomm lill-partijiet li jaslu fi qbil bejniethom li jista' jkun aċċettabbli għalihom fil-parametri ta' dak li din is-sentenza sejra taqta';

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li ma jeżistux il-kundizzjonijiet biex jitħaddmu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 571, m'hemmx għalfejn tidħol fil-kwestjoni tal-kumpens xieraq u tal-kriterji li jmisshom jitqiesu fil-kalkolu ta' kumpens bħal dak;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li t-tieni talba tal-attur hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi jifdal li l-Qorti tqis **l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrka** dwar jekk hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Dik l-eċċezzjoni kienet tressqet l-ewwel darba xi ftit aktar minn tmien (8) snin wara li kienet inbdiet il-kawża, minn Carmelina Calafato, li, Sa dak iż-żmien, kienet assumiet l-atti tal-kawża minflok zitha l-imħarrka Erminia Buħaġiar u bħala werrieta tagħha. Dik l-eċċezzjoni hija sostanzjalment waħda li titkellem dwar l-interess ġuridiku tal-imħarrka Buħaġiar (u tal-istess Calafato) li toqgħod fil-kawża. Hija eċċezzjoni dwar leġittimazzjoni passiva fid-dawl tal-azzjoni partikolari mressqa mill-attur. Ladarba

---

[61] Ara affidavit tal-perit M'A. Refalo *ex parte* , f'paġ. 259 tal-proċess

hija kwestjoni ta' interess, din setgħet titqanqal f'kull waqt tal-kawża, għaliex huwa magħruf li l-interess ta' parti f'kawża jrid jintwera li jeżisti f'kull waqt tagħha;

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni hija mistħoqqa. Min-natura partikolari tal-kawża mressqa, u kif ukoll mit-talbiet magħmula, l-imħarrka Erminia Buħaġiar (u Carmelina Calafato bħala aventi kawża minnha) ma setgħetx tkun il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, mhux biss għaliex ma kinitx hi li bniet jew invadiet l-art li biegħet lill-attur, iżda għaliex it-titolu li hija tat lill-istess attur huwa l-kejl innifsu tas-suċċess fl-azzjoni tiegħu kontra l-imħarrek Cassar. Tkun ironija kbira jekk, f'eżitu favur l-attur sewwasew għaliex wera titolu tajjeb u provi preċiżi dwar il-konfini tal-art mixtrija mingħand l-imsemmija Erminia Buħaġiar, l-istess Buħaġiar titqies li kienet il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrka Erminia Buħaġiar, u teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Fl-ewwel lok, **tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrka Carmelina Calafato u tiddikjara li l-imħarrka Erminia Buħaġiar (u Carmelina Calafato bħala aventi kawża tagħha) ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi, u għalhekk teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-konfini bejn l-art mixtrija mill-attur u dik miksuba mill-imħarrek Cassar huma dawk murija b'rig aħmar fuq il-pjanta Dok "PT1" f'paġna 174 tal-proċess, f'dik il-parti li taqsam il-porzjoni imberfla b'lewn aħdar (indikata bħala "Plot 8") minn dik li tmiss magħha mil-Lbiċ imberfla bl-ilwien aħmar u aħdar u mimlija b'rigi koħol (indikata bħala "8" u "9");

**Tiċħad l-eċċezzjoni fil-mertu** tal-imħarrek Alfred Cassar bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrek Alfred Cassar, billi tqis li ma jikkonkorrux l-elementi maħsuba mil-liġi biex il-Qorti tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili għall-okkupazzjoni tal-art tal-atturi min-naħa tal-imsemmi mħarrek;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrek sabiex, fi żmien tliet (3) xhur mil-lum, irodd lura lill-atturi l-art okkupata minnu bla jedd fil-liġi, liema art hija dik li, mill-imsemmija pjanta Dok "PT1" tinsab 'l isfel mil-linja ta' konfini stabilita fl-ewwel talba;

**Tikkundanna** lill-imħarrek sabiex iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk relativi għall-imħarrka Erminia Buħaġiar (u l-aventi kawża minnha Carmelina Calafato) li għandhom jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------